# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Numru: 505/2016**

Il-Pulizija

vs

**Anna Spiteri**

Bint Joseph imwielda l-Mosta, fid-19 ta' Gunju, 1959, detentriċi tal-karta ta' l-identita' numru 449959(M)

Illum il-25 ta' Ġunju 2021.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti Anna Spiteri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) akkużata talli fil-ġranet ta' bejn l-1 ta' Ġunju 2016 u s-6 ta' Ġunju 2016 ġewwa dawn il-gżejjer:

1. Għamlet lil Joseph Vassallo inġurji u jew theddid mhux imsemmija banda oħra fil-Kodiċi Kriminali jew jekk kienet provokata inġurjat b'mod li ħarġet barra mil-limiti tal-provokazzjoni.

2. U aktar talli permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika inġurjat u/jew heddedt lil Joseph Vassallo bi kliem.

3. U aktar talli għamlet użu mhux xieraq b'apparat ta' komunikazzjoni elettronika (mobile).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-24 ta' Ottubru, 2016 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikolu 17 tal-Kodiċi Kriminali u l-Artikoli 49(a) u (c) tal-Kapitolu 399 ddikjarat lill-imputata ħatja tat-tieni u t-tielet imputazzjoni (bit-tielet imputazzjoni konsiderata bħala mezz ai fini għat-tieni imputazzjoni) u kkundannatha għall-hlas ta' multa ta' tlett mitt ewro (€300) filwaqt li lliberatha mill-ewwel imputazzjoni stante li l-azzjoni hija preskritta.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha ppreżentat fl-1 ta' Novembru, 2016 fejn talbet lil Qorti tilqa' dan l-Appell u tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevoka s-sejbien ta' ħtija tat-tieni u t-tielet imputazzjoni u minn dawn tiddikjarha mhux ħatja u tilliberha skond il-liġi u tikkonferma fejn sabitha mhux ħatja ta' l-ewwel imputazzjoni mingħajr preġudizzju fil-parti tal-piena tiġi mposta piena jew sanzjoni oħra li tkun aktar ekwa għaċ-ċirkostanzi tal-każ.

Rat illi permezz ta' sentenza datata il-31 ta' Jannar 2020, is-sentenza ta'l-Ewwel Qorti ġiet annullata u bis-saħħa ta' dak dispost fl-artikolu 428(3) tal-Kodiċi Kriminali l-Qorti ordnat is-smiegħ mill-ġdid tal-każ.

Rat l-aggravji tal-appellanti, kemm dawk sollevati fir-rikors ta'l-appell kif ukoll l-aggravju imqanqal matul il-proceduri permezz ta' nota datata 18 ta' Jannar 2021, liema aggravji għandhom jitqiesu bħala sottomissjonijiet in difeża.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet il-provi.

Semgħet trattazzjoni.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanti eżebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

**Ikkunsidrat,**

Illi annullata s-sentenza ta'l-Ewwel Qorti, il-Qorti semgħet mill-ġdid il-provi u senjatament ix-xiehda tal-kwerelanti Joseph Vassallo u tal-appellanti Anna Spiteri l-protagonisti f'din il-viċenda ta' diskordju familjari. Id-difiża fl-istadju inoltrat ta' dan l-appell tqanqal il-preġudizzjali illi l-azzjoni penali fir-rigward ta' inġurji li jsiru bil-kitba fejn jiġi adoperat il-mezz ta' telekomunikazzjoni llum ġiet abrogata permezz tal-emendi li saru għall-artikolu 49 tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta bl-Att XI tal-2018, meta ġie introdott il-*proviso* għal dan l-artikolu tal-liġi fejn hemm hekk dispost:

> **"Iżda sempliċi kliem malafamanti jew dikjarazzjonijiet imlissna jew ippubblikati fuq network ta' komunikazzjonijiet elettroniċi jew apparat u li jkunu jistgħu jagħtu lok għal azzjoni għal malafama jew inġurja skont l-Att dwar il-Midja u l-Malafama m'għandhomx jagħtu lok għal reat taħt dan l-Att."**

Illi l-Kapitolu 579 tal-Liġijiet ta' Malta jagħti s-segwenti definizzjonijiet ta' dak li jikkostitwixxi l-malafama, l-inġurji, u wkoll meta tal-mezz adoperat biex isir l-istess permezz ta' midja, pubblikazzjoni u xandir:

> **"inġurja" tfisser malafama bi stqarrija li tkun intqalet b'malizja bil-fomm;**
>
> **"malafama" tfisser il-komunikazzjoni ta' kliem li jagħmlu ħsara serja lir-reputazzjoni ta' persuna u tinkludi l-libell u l-inġurja;**
>
> **"midja" tinkludi kull forma ta' tixrid ta' ideat, informazzjoni, jew opinjonijiet dwar materja ta' interess pubbliku, lill-pubbliku in ġenerali jew lil sezzjoni tal-pubbliku, li tkun taħt il-kontroll editorjali ta' editur;**
>
> **"midja miktuba" tfisser kull kitba jew stampat, isir b'liema mezz isir, u tinkludi kull kontenut tal-midja miktub li jkun imxerred b'kull mezz kemm jekk permezz ta' pjattaformi elettronici online kif ukoll jekk imxerred b'kull mezz offline mingħajr l-użu ta' pjattaformi elettroniċi u tinkludi kull mezz ieħor li bih kliem jew immaġni viżwali jistgħu jinstemgħu jew jiġu perċepiti;**

**"pubblikazzjoni" tfisser kwalunkwe att li bih kull midja miktuba tiġi jew tista' tkun komunikata lil jew tinġieb għall-għarfien ta' xi persuni jew li bih kliem jew immaġni viżwali jiġu disseminati;**

Issa l-appellanti tinsab mixlija bir-reati imfassal fl-artikolu 49(b) u (c) tal-Att biex Jirregola l-Komunikazzjonijiet Elettroniċi li jissanzjona lil:

**Kull min permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika –**

**(b) bil-ħsieb li jieħu xi flus jew xi ħaġa oħra, jew biex jagħmel xi gwadann, jew bil-ħsieb li jġiegħel lil ħaddieħor biex jagħmel jew jonqos milli jagħmel xi ħaġa, jhedded li jakkuża jew li jagħmel ilment kontra, jew biex jimmalafama lil dik il-persuna jew xi persuna oħra; jew**
**(c) jagħmel użu ieħor mhux xieraq bih,**

**ikun ħati ta' reat taħt dan l-Att ...**

Illi dawn il-proċeduri penali ġew istigati minn kwerela magħmula lill-pulizija nhar is-6 ta' Ġunju 2016 fejn il-kwerelant Joseph Vassallo talab illi jittieħdu passi kriminali kontra oħtu l-appellanti, peress illi din kienet insulentatu u hedditu. Dan allega illi oħtu kienet għajjritu permezz ta' messaġġi telefoniċi illi huwa korrot u illi kkorrompa l-Qorti u li qed jitħabbeb ma' spettur tal-pulizija li xi żmien qabel kien investigah fuq rapport li hi kienet għamlet kontra tiegħu dwar allegat falsifikazzjoni ta' kuntratt, liema rapport irriżulta li kien infondat. Meta l-appellanti ġiet mitkellma mill-pulizija hi kkonfermat li kienet hi li bagħtet dawn il-messaġġi lil ħuha u dan peress illi ħuha kien bagħtilha diversi *emails* sabiex jirranġaw l-affarijiet ta' bejniethom paċifikament u sabiex tirtira kwerela li kienet ħarrġet fil-konfront tiegħu fejn hi kienet aċċettat li tagħmel dan. Madankollu Vassallo mar lura fuq il-kelma tiegħu u kien għalhekk illi bagħtitlu dawn il-messaġġi. Fix-xiehda tagħha quddiem din il-Qorti, l-appellanti ċaħdet illi permezz tal-messaġġi li hija bagħtet lil ħuha kienet qed tinġurjah iżda tisħaq illi kienet qed twieġeb u tiddefendi ruħha minn inġustizzji li hija kienet ilha ssofri minn taħt idejn ħuha rigward kwistjonijiet familjari u ta' wirt li kien hemm pendenti bejniethom.

Illi preliminarjament jiġi rilevat illi kif ikkonkludiet tajjeb l-Ewwel Qorti, l-ewwel akkuża ta' natura kontravvenzjonali imsejsa fuq l-artikolu 339(e) tal-Kodiċi Kriminali hija preskritta bid-dekors ta' tlett xhur mill-kummissjoni tal-istess. Dan għaliex għalkemm jidher illi d-data indikata fl-akkuża hija dik ta' bejn l-01 u is-06 ta' Ġunju 2016, l-appellanti ġiet notifikata bl-akkuża fit-13 ta' Settembru 2016 meta allura t-terminu ta' tlett xhur indikat fl-artikolu 688(f) tal-Kodiċi Kriminali kien laħaq iddekora.

Il-Prosekuzzjoni madanakollu hija tal-fehma illi xortawaħda għandhom jirriżultaw ir-reati ikkontemplati fl-artikolu 49 tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta, u li dawn ma ġewx abrogati bl-Att XI tal-2018 ġaladarba l-inġurja seħħet bejn tnejn minn nies permezz ta' messaġġi skambjati fuq ċellulari personali tal-ko-litigandi, u mhux fit-termini ta' dak maħsub fil-Kapitolu 579 tal-Ligijiet ta' Malta fejn hemm l-element tal-pubblicita'.

Illi huwa indubitat illi illum il-gurnata ma hemmx reat kull meta jirrizultaw 'kliem malafamanti jew dikjarazzjonijiet imlissna jew ippubblikati fuq ... apparat elettroniku' ..u li jkunu jistgħu jagħtu lok għal azzjoni għal malafama jew inġurja skont l-Att dwar il-Midja u l-Malafama', f'liema Att il-kelma "inġurja" tfisser malafama bi stqarrija li tkun intqalet b'malizja bil-fomm filwaqt illi "malafama" tfisser il-komunikazzjoni ta' kliem li jagħmlu ħsara serja lir-reputazzjoni ta' persuna u tinkludi l-libell u l-inġurja.

Illi l-każ idur madwar messaġġi permezz ta' ċellulari li ntbagħtu mill-appellanti lil ħuha il-kwerelanti li kopja tagħhom hija esibita in atti u li l-parte ċivile interpreta bħala inġurjużi fil-konfront tiegħu. Illi l-Qorti kellha l-opportunita' li tisma' lill-appellanti tixhed quddiemha fejn matul id-depożizzjoni tagħha hi ppruvat tispjega lill-Qorti l-isfond tal-kwistjonijiet li għandha mal-familja tagħha u dak li finalment wassal sabiex hi tibgħat dawk il-messaġġi. In suċċint, hi saħqet illi ommha kienet għamlet prokura fuq isimha fis-sena 1980 iżda qatt ma kienet irċeviet kopja tagħha. Irriżulta illi allegatament din il-prokura kienet qed tintuża ad insaputa tagħha minn ommha bit-tir ukoll li jiġu trasferiti xi propjetajiet fuq ħuha, l-parti offiża. Tgħid illi hi saret taf li kien hemm dan

it-'taħwid' kumbinazzjoni fis-sena 2011 meta ġiet avviċinata minn persuna li kienet taf lil ommha u li kienet infurmatha illi kienet qed tintuża din il-prokura b'nuqqas ta' galbu u a skapitu tagħha. Qalet illi ommha ma kellhiex stima lejha u li dejjem iffavoriet lil-ħuha filwaqt li dejjem warrbet l-ulied il-bniet. Infatti fis-sena 2011 Spiteri kienet istitwit proċeduri sabiex tirrevoka din il-prokura u oltre kienet istitwit ukoll proċeduri kontra ommha, ħuha Joseph Vassallo u oħtha Maria Cassar fis-17 ta' Novembru 2016 sabiex tannulla kuntratt ta' trasferiment ta' propjetà favur ħuha li kienet oriġinarjament tappartjeni nofsha lilha u għal liema bejgħ qatt ma rċeviet is-sehem tagħha. Ikkonfermat illi kienet hi li bagħtet il-messaġġi lil ħuha li huma eżebiti in atti, iżda qalet li kienet ilha tipprova ċċempillu u hu ma riedx ikellimha biex jirrisolvi l-pendenzi ta' bejniethom. Mitluba tispjega x'fissret bid-diskors li użat f'dawn il-messaġġi Spiteri qalet li bagħtet il-messaġġi bi protesta għal dak li kien qed iseħħ fil-konfront tagħha u li ma kinitx irrabjata imma riedet turi lil ħuha li hi kienet taf b'kull ma kien ġara. Jidher biċ-ċar illi hemm diversi kwistjonijiet familjari fuq proprjetà u wirt għaddejjin bejn l-omm u l-aħwa, fejn xi uħud minnhom qed jiġu ttrattati fi proċeduri Ċivili. Tiċħad illi bil-kliem li użat hija kienet qed tinġurja lil ħuha. Illi fil-fatt mill-kontro-eżami li sar lil parti offiża, jidher illi d-diskors li intqal mill-appellanti fil-messaġġi allegatament inkriminatorji, huma interpretazzjoni ta' dak li ħaseb hu li kien qed jingħad fil-konfront tiegħu billi id-diċitura adoperata fl-istess ma hijiex waħda ċara u li tista' tiġi interpretata faċilment li hija diretta unikament fil-konfront tal-imsemmi parti offiża, tant hu hekk illi jisħaq illi f'ċertu partijiet mid-diskors l-appellanti kienet qed tagħmel referenza għal terzi persuni, avukati u saħansitra għal Qorti u mhux għalih, u f'partijiet oħra lanqas biss fehem dak li riedet tgħid oħtu bid-diskors miktub fil-messaġġ. Il-Qorti tistqarr illi kien diffiċli anke għaliha tifhem il-kontenut tal-messaġġi. Fil-fatt meta mistoqsi x'riedet tghid l-appellanti b'certu diskors, huwa iwieġeb: "Jien qed ngħid x'nifhem jien .... issa x'kellha f'ommha *you need to ask her*." Illi f'dawn iċ-ċirkostanzi il-Qorti ċertament ma tistax issib ħtija lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni, billi l-grad tal-probabbilita' ma jistax ireġi biex tiġi stabbilita ir-reita'.

Illi magħdud dan allura il-Qorti tqies illi l-kliem imlissen mill-appellanti fil-messaġġi mibgħuta lil ħuha ma jistgħux jitqiesu li huma inġurjużi fil-konfront tiegħu u dan lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni. Ċertament illi id-diċitura adoperata tirrifletti il-biża' li kellha l-appellanti (li setgħet kienet fondata u setgħet ma kenitx) li ħuha kien ser jidħaq biha u li ma kienx ser issir ġustizzja magħha fil-qorti. Iżda kif ingħad il-Qorti ma tistax tistrieħ fuq supposizzjonijiet u kwindi ma jistax jingħad illi l-akkużi jirriżultaw ippruvati. Illi stabbilit dan il-fatt probatorji il-Qorti mhijiex ser tidhol biex tqies id-difiżi l-oħra mqanqla mill-appellanti.

Għal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi filwaqt li tiddikjara l-ewwel imputazzjoni preskritta, u billi it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet ma jirriżultawx ippruvati, tgħaddi biex tillibera lill-appellanti minn kull imputazzjoni u ħtija.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius

Deputat Registratur